BIRKIRKARA

# KUNSILL LOKALI BIRKIRKARA

Lil Membri u l-Ufficjali kollha tal-Kunsill

## Laqgha tal-Kunsill

Qieghed tigi msejjah biex tattendi ghal-laqgha numru ghaxra tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara fl-ufficcji taghhom, li ser issir nhar it-Tlieta, 19 ta' Jannar 2010, fis-6:00pm

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill

## Agenda

1. **Talba**
2. **Approvazzjoni tal-Minuti tal-laqgha numru 9**
3. **Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw mill-minuti tal-laqgha numru 9**
4. **Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 9**
5. **Offerta nru. BLC 4/2009: Manutenzjoni tas-Sinjali u t-Tabelli tat-Traffiku**
   **Offerta nru. BLC 5/2009: Manutenzjoni u t-Tindif ta' Spazji Miftuha u Gonna Pubblici**
   **Offerta nru. BLC 6/2009: Xoghol ta' re-Surfacing u xoghol iehor relatat – ghaz-zoni kollha**
6. **Rapport dwar ir-Rizorsi Umani mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Dicembru 2009**
7. **Korrispondenza**
8. **Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
9. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
10. **Eghluq**

**DIN IL-LAQGHA HI MIFTUHA GHALL-PUBBLIKU**

BIRKIRKARA

Minuti ta' l-Ghaxar laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Birkirkara li saret fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 19 ta' Jannar 2010 mis-6.10pm sas-7.20pm

| | |
|---|---|
| **Prezenti:** | Il-Membri |
| **Is-Sindku** | Is-Sur Michael Fenech Adami |
| **Il-Kunsilliera** | Is-Sinjura Doris Borg (Vici-Sindku) |
| | Is-Sur Emanuel Aquilina |
| | Is-Sur Mark George Abdilla |
| | Is-Sinjorina Rose Frendo |
| | Dr. Josianne Cardona Gatt |
| | Is-Sinjura Joanne Borg |
| | Is-Sinjura Rita Borg |
| | Is-Sur John Mary Calleja |
| | Is-Sur Anthony Buttigieg |
| | Is-Sur John Borg |
| | |
| | Dr George Debattista- Assenti imma Skuzat |
| | Is-Sinjorina Chirelle Sciberras –Assenti imma Skuzata |
| | |
| **L-Ufficjal:** | |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Is-Sur Joseph Tabone |

Fil-bidu tal-laqgha kienu prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsilliera s-Sinjuri Emmanuel Aquilina, Joanne Borg, Rita Borg, Rose Frendo, John Mary Calleja, u Anthony Buttigieg. Il-Kunsilliera s-Sinjuri Mark George Abdilla, Dr Josianne Cardona Gatt u John Borg. dahlu fil-kamra fis-6.20pm. Il-Kunsilliera s-Sinjuri Dr.George Debattista, Chirelle Sciberras kienu assenti imma skuzati. Ghal din il-laqgha ma' kienx hemm il-prezenza tal-pubbliku. Il-laqgha kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami.

Qabel bdiet tigi diskussa l-agenda s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi l-Kunsilliera s-Sinjuri :- Dr George Debattista u Chirelle Sciberras kienu baghtu ittra lis-Segretarju Ezekuttiv fejn huma talbu li jigu skuzati ghal din il-laqgha minhabba li Dr Debattista kien ser ikun imsiefer u Chirelle Sciberras ghandha l-ezamijiet. Unanimament il-membri prezenti qablu li huma jigu skuzati.

**1. Talba.**

Il-laqgha bdiet billi s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal it-talba.

**2 Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgha bin-numru 9**

Il-Minuti tad-Disa' laqgha kienu tqassmu ma' l-agenda u ttieħdu bħala moqrija. Huma gew approvati minghajr bdil u/jew korrezzjoni, bi tmien voti favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqu ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Joanne Borg, Rita Borg, Anthony Buttigieg, John Mary Calleja u Rose Frendo.

BIRKIRKARA

## 3 Kunsiderazzjonijiet u affarijiet li jirrizultaw minn minuti numru 9

3.1 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg accena ghal *item* 6.1. Hu staqsa jekk kienx hemm xi zviluppi ?. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien kiteb lis-sidien tal-hwienet imsemmija fl-ittra ta' l-ADT.

Hawnhekk dahlu fil-kamra l-Kunsilliera s-Sinjuri : Mark George Abdilla, Dr Josianne Cardona Gatt u John Borg. Il-hin kien is-6.20pm

3.2 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 7.3 . Hi staqsiet jekk kienx sar l-appuntament mal-kappillani ?. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb illi l-appuntament kien mahsub li jsir fil-gimghat li gejjin.

3.3 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 7.5. Hi ssuggerit illi ghandu jitwaqqaf Sotto Kumitat bl-isem ta' ' Gieh Sir Anthony Mamo'. Hawnhehekk saret diskussjoni qasira fejn unanimament il-membri kollha prezenti qablu illi Sotto Kumitat ikun iffurmat mill-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg, u mis-Sinjuri : Anthony Buttigieg (Kunsillier), Dr Josianne Cardona Gatt (Kunsilliera), Joe Sammut (Edukatur) u Charles Grech (YEC).

3.4 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg acceniet ghal *item* 8.2. Hi kjarifikat illi fi zmien ta' meta gie ffirmat il-ftehim mal-Kumitat Kongunt, u dan fi zmien meta hi kienet Sindku, l-*ispeed cameras* kienu ghadhom ma gewx introdotti.

3.5 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg ghamlet riferenza ghal *item* 8.2, fejn ghamlet riferenza ghad-diversi *memos* li qed johrog id-dipartiment inkonnessjoni ma' diversi fondi. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jitfa' numru applikazzjonijiet inkonnessjoni ma' dawn il-fondi. Hu semma' li f'dawn l-ahhar jiem il-Kunsill applika ghal € 10,000 fuq il-YEC, applika ghall-fondi biex inkunu nistghu naghmlu l-*billboard* fi triq Dun Karm, u ghal fondi ohra inkonnessjoni ma' l-ispejjez li ghamilna fuq il-gibjun ta' triq is-Salib Imqaddes.

Hawnhekk il-Kunsilliera Dr Josianne Cardona Gatt qalet li l-Kunsill ghandu japplika wkoll ghal-fondi biex jigu restawrati n-nicec li ghandna fil-lokalita' Is-Sindku wiegeb illi din it-tip ta' applikazzjoni kienet tirrikjedi ammont konsiderevoli ta' xoghol u ghalhekk u heggeg lis-Sotto Kumitat Kultura biex jahdem fuq din il-haga halli wara nkunu f'pozizzjoni li nissotomettu l-applikazzjoni. Hawnhekk saret riferenza ghal studju li kien sar fuq dan ir-rigward madwar 14-il sena ilu mill-eks kunsillier is-Sur Pawlu Borg.

3.6 Il-Kunsilliera is-Sinjura Joanne Borg acceniet ghal *item* 6.1 Hi staqsiet x'ser naghmlu fir-rigward l-applikazzjonijiet il-godda li huma marbuta mat- talbiet ghal sinjali tal-*loading and unloading* ?. Is-Sindku wiegeb illi ghal kull talba l-Kunsill ghandu japplika ghal permess mill-ADT.

## 4 Approvazzjoni tal-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 9

Il-Lista tax-Xiri u Pagamenti numru 9 kienet tqassmet ma' l-agenda u ttieħdet bħala moqrija. Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa dwar *items* 9 u 62 rispettivament. Dwar *item* 9 s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami wiegeb illi dak kien parti mill-apparat li nuzaw biex jigu rrekordjati l-laqghat tal-Kunsill . Dwar *item* 62 is-Sindku wiegeb illi l-kunsilliera kienu ser jinghataw kopja tal-*policy* hekk kif din nircevuha minghand ic-Citadel Insurance.

Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg qalet li qed insibu problema biex isiru l-hlasijiet inkonnessjoni mal-hargiet Edukattiva. Dan minhabba li biex is-Segretarju Ezekuttiv jaghmel il-hlasijiet inkwistjoni hu irid l-ewwel l-approvazzjoni tal-Kunsill. Ghalhekk hi staqsiet jekk il-Kunsilliera isibux problema li jawtorizzaw lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv biex hekk kif il-Kunsill jircievi l-kontijiet nkonnessjoni mal-hargiet edukattivi, dawn jithallsu mill-ewwel. Il-Vici Sindku fakkret illi ghal dawn il-hargiet il-partecipanti jkunu hallsu minn qabel. Unanimament il-Kunsilliera prezenti qablu u awtorizzaw lis-Sindku u lis-Segretarju Ezekuttiv biex hekk kif il-Kunsill jircievi l-kontijiet nkonnessjoni mal-

hargiet edukattivi, dawn jithallsu mill-ewwel, u dan minghajr mas-Segretarju joqghod jistenna l-laqgha tal-Kunsill ghall-approvazzjoni.

Wara l-Lista giet approvata bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqet ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rose Frendo, Dr. Josianne Cardona Gatt, Rita Borg, Anthony Buttigieg u John Mary Calleja,

**5 Offerta nru. BLC 4/2009 : Manutenzjoni tas-Sinjali u t-tabelli tat-Traffiku**
**Offerta nru. BLC 5/2009 : Manutenzjoni u t-Tindif ta' Spazji Miftuha u Gonna Pubblici**
**Offerta nru. BLC 6/2009 : Xoghol ta' re-Surfacing u xoghol iehor relatat- ghaz-Zoni Kollha**

Ghal-habta tas-6.40pm is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami stieden lis-Sur Ray Pellicano, li huwa l-konsulent tal-Kunsill dwar it-*tenders,* biex jaghti spjega fuq l-offerti kollha li kienu gew sottomessi, u fl-istess hin jaghmel riferenza ghar-rapport li kien juri rakkomandazzjonjiet li kienu saru mill-Kumitat tal-Finanzi fuq l-istess offerti. Is-Sur Ray Pellicano spjega dan li gej:-

**Dwar : L-Offerta nru. BLC 4/2009 : Manutenzjoni tas-Sinjali u t-tabelli tat-Traffiku**

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 2 (tnejn). Dawn kienu jappartjenu lil:-

1 Koptasin
2 B.Grima & Sons Ltd

Is-Sur Ray Pellicano qal li dwar din l-offerta il-Kumitat tal-Finanzi kien qed jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lil **Koptasin** minhabba l-esperjenza u servizz tajjeb li huma taw lill-Kunsill kif ukoll minhabba li r-rati tal-prezzijiet taz-zewg kuntratturi kienu ferm vicin xulxin.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar **Manutenzjoni tas-Sinjali u t-tabelli tat-Traffiku** tinghata lil **Koptasin** minhabba l-esperjenza u servizz tajjeb li huma taw lill-Kunsill kif ukoll minhabba li r-rati tal-prezzijiet taz-zewg kuntratturi kienu ferm vicin xulxin.

Il-mozzjoni tas-Sindku giet approvata unanimament bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tresqet ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rose Frendo, Dr. Josianne Cardona Gatt , Rita Borg, Anthony Buttigieg, u John Mary Calleja,

**Dwar : L-Offerta nru. BLC 5/2009 : Manutenzjoni u t-Tindif ta' Spazji Miftuha u Gonna Pubblici**

Intefghet Offerta wahda li kienet tappartjeni lil:-

1 Environmental Landscapes Consortium Limited

Is-Sur Ray Pellicano qal li dwar din l-offerta il-Kumitat tal-Finanzi kien qed jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lil **Environmental Landscapes Consortium Limited** minhabba li l-Kunsill kien sodisfatt mis-servizz kif ukoll li r-rati huma ragonevoli.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar **Manutenzjoni u t-Tindif ta' Spazji Miftuha u Gonna Pubblici** tinghata lil **Environmental Landscapes Consortium Limited** minhabba li l-Kunsill kien sodisfatt mis-servizz li huma taw fil-passat kif ukoll li r-rati huma ragonevoli.

Il-mozzjoni tas-Sindku giet approvata unanimament bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqet ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rose Frendo, Dr. Josianne Cardona Gatt , Rita Borg, Anthony Buttigieg, u John Mary Calleja,

**Dwar : L-Offerta nru. BLC 6/2009 : Xoghol ta' re-Surfacing u xoghol iehor relatat -ghaz-zoni kollha**

Numru totali ta' Offerti mitfugha kienu 3 (tlieta). Dawn kienu jappartjenu lil:-

1 Polidano Bros Ltd
2 Asfaltar Ltd
3 Alfred Schembri & Sons Ltd

Is-Sur Ray Pellicano qal li dwar din l-offerta, il-Kumitat tal-Finanzi kien qed jissuggerixxi li din l-offerta ghandha tinghata lil **Polidano Bros Ltd** minhabba s-servizz tajjeb li huma taw lill-Kunsill kif ukoll minhabba li r-rati tal-prezzijiet huma l-orhos.

Hawnhekk is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami b'mozzjoni verbali rrakkomanda lill-membri kollha prezenti illi l-offerta dwar **Xoghol ta' re-Surfacing u xoghol iehor relatat -ghaz-zoni kollha** tinghata lil **Polidano Bros Ltd** minhabba s-servizz tajjeb li huma taw lill-Kunsill kif ukoll minhabba li r-rati tal-prezzijiet huma l-orhos.

Il-mozzjoni tas-Sindku giet approvata unanimament bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dan wara li tressqet ghall-approvazzjoni mis-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami li kien sekondat mill-Kunsilliera s-Sinjura Joanne Borg. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rose Frendo, Dr. Josianne Cardona Gatt, Rita Borg, Anthony Buttigieg, u John Mary Calleja.

Wara li spiccat id-diskussjoni s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami rringrazzja lis-Sur Ray Pellicano. Hu halla l-kamra fis-6.55pm

**6 Rapport dwar ir-Rizorsi Umani mill-1 ta' April 2009 sal-31 ta' Dicembru 2009**

Dan ir-rapport gie mqassam ma' l-agenda. Saret diskussjoni qasira fejn il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg staqsa lis-Sindku jekk il-Kunsill kienx haseb ghal dan il-*bonus* fil-badgit tieghu?. Is-Sindku wiegeb fil-posittiv.

Wara s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ppropona li s-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone jinghata ghaxra fil-mija *performance bonus* (5% bil-ligi u 5% bl-approvazzjoni tal-Kunsill). Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier s-Sur Anthony Buttigieg. Il-Proposta tas-Sindku giet approvata unanimament bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rose Frendo, Dr. Josianne Cardona Gatt , Rita Borg, Anthony Buttigieg, u John Mary Calleja,

BIRKIRKARA

Hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv rringrazzja lill-Kunsilliera kollha.

Wara s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ppropona li l-impjegati kollha tal-Kunsill jinghataw sitta fil-mija *performance bonus* (3% bil-ligi u 3% bl-approvazzjoni tal-Kunsill). Is-Sindku kien sekondat mill-Kunsillier s-Sur Anthony Buttigieg. Il-Proposta tas-Sindku giet approvata unanimament bi hdax-il vot favur, xejn kontra u xejn astenzjonijiet. Dawk li vvutaw favur kienu:- is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami, il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg u l-Kunsillieri s-Sinjuri: Emmanuel Aquilina, Mark George Abdilla, Joanne Borg, John Borg, Rose Frendo, Dr. Josianne Cardona Gatt, Rita Borg, Anthony Buttigieg, u John Mary Calleja.

**7 Korrispondenza**

7.1 Ittra ta' ringrazzjament, bid-data tal-5 ta' Jannar 2010 minghand l-Ecc President ta' Malta, Dr George Abela. Din l-ittra kienet inkonnessjoni mal-Girja/Mixja mal-President ghall-Karita'.

**8 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

8.1 Il-Kunsilliera s-Sinjura Joan Borg staqsiet jekk il-Kunsill jistax japplika biex f'Birkirkara naghmlu *Residential Parking* bhalma hemm il-Belt, Valletta? Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li ghalissa ahjar inhallu tigi nsehh ir-riformi li qed isiru fl-ADT u l-ohra nkonnessjoni mal-*wardens*. Dan biex naraw xi bdil ser ikun hemm. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

**9 Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.1 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ressaq quddiem il-membri prezenti diversi kwotazzjonijiet li gew mitfugha nkonnessjoni ma' :

**Kwotazzjoni nru. <u>BLC 1/2009</u>: *Software* ghall-produzzjoni ta' rcevuti u permessi mill-Kunsill Lokali Birkirkara**

Dwar din il-Kunsill kien ircieva erba' kwotazzjonijiet li kienu jappartjenu lil :-

| | |
|---|---|
| A | Alert Communications Limited |
| B | J2 Ltd |
| C | Data-Byte Computer Services Ltd |
| D | Cyberspace Solutions Ltd |

Saret diskussjoni qasira fejn unanimament il-membri kollha prezenti qablu illi l-Kunsill ghandu jaghzel il-kwotazzjoni sottomessa minn ***Cyberspace Solutions Ltd*** minhabba li kienet l-aktar kwotazzjoni vantagjuza.

**Kwotazzjoni nru. <u>BLC 2/2009</u>: *Litter Bins***

Dwar din il-Kunsill kien ircieva tlett kwotazzjonijiet li kienu jappartjenu lil :-

| | |
|---|---|
| A | SR Services Limited |
| B | John Abela Ltd. |
| C | Mario Mallia |

Saret diskussjoni qasira fejn unanimament il-membri kollha prezenti qablu li illi l-Kunsill ghandu jaghzel il-kwotazzjoni sottomessa minn ***Mario Mallia*** minhabba li kienet l-aktar kwotazzjoni vantagjuza.

Hawnhekk is-Sindku s-suggerixxa wkoll illi ghandna nuzaw dawn it-tlett kwotazzjonijiet biex fuqhom napplikaw ghall-fondi specjali u b'hekk wara nkunu nistghu nixtru ammont ta' *litter bins*. Hawnhekk is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Joseph Tabone gibed l-attenzjoni illi jekk l-ispiza tkun ta' aktar minn € 4660, il-Kunsill ikun irid johrog sejha ghall-offerti. Is-Sindku hawnhekk gibed l-attenzjoni illi f'wahda mil-laqhat li kellu Dr Chris Said mas-Sindki, Dr. Chris Said kien qal illi la darba l-Kunsill kien gabar il-kwotazzjonijiet u l-fondi kienu gejjin mill-fond specjali l-Kunsill setgha jaghmel dan. Saret diskussjoni qasira fejn wara unanimament il-membri prezenti qablu mas-suggeriment u ma' dak li qal is-Sindku.

**Kwotazzjoni nru. <u>BLC 3/2009</u>: Forniment ta' *Cartridges, u Toners* ghal *Printers* varji.**

Dwar din il-Kunsill kien ircieva zewg kwotazzjonijiet li kienu jappartjenu lil :-

A Office Essentials Ltd
B Golden Gate Co Ltd

Saret diskussjoni qasira fejn unanimament il-membri kollha prezenti qablu illi l-Kunsill ghall-*cartridges* konnessi mal-*printers* HP Deskjet F 2280, HP Photosmart D 5160 u Epson Stylus CX 4300 u ghall- *cartridges* ghall- *printers* Epson EPL 6200L ghandu jaghzel il-kwotazzjoni sottomessa minn Golden Gate Co Ltd., filwaqt li ghat-*toners* konnessi mal-*printers* Xerox Phase 3130, Lexmark C530DN u HP Laserjet 1010 ghandu jaghzel dik ta' l-Office Essentials Ltd. Dan minhabba li rispettivament kienu l-aktar kwotazzjoni vantagjuza. L-Office Essentials Ltd ma kienx ikkwota ghal Epson Stylus CX 3300.

9.2 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami informa lill-Kunsilliera prezenti illi UE kienet accettat l-applikazzjoni tal-Kunsill taghna ghall-progett *Youth in Action Programme* li ser isir mid-9 sal-11 t'April 2011.. Is-Sindku qal li l-Kunsill taghna kien ser jiehu *grant* ta' € 48,909 biex iwettaq dan il-progett, liema progett ser jikkonsisti billi ser issir konferenza li turi kif tahdem l-UE. F'dan il-progett is-sindku qal li kienu ser jippartecipaw sitt pajjizi ohra.

9.3 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-membri prezenti illi laqghat annwali tal-pubbliku ser isiru kif gej :- Fl-1 ta' Frar 2010 fis-7.15pm ser issir il-laqgha tal-lokal gewwa s-sala tac-Centru Civiku, filwaqt li fl-4 ta' Frar 2010 fis-7.15pm ser issir il-laqgha ghal Komunita' ta' Fleur-de-lys fis-Sala tal-Qalb ta' Gesu fi triq Notabile, Fleur-de-Lys.

9.4 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ssuggerixxa li ghandha ssir laqgha formali bejn il-Kunsilliera li fiha jigu diskussi l-applikazzjoni li qed isiru bhalissa mill-Kunsill inkonnessjoni mal-Fondi Specjali. F'din il-laqgha ghandna niddiskutu wkoll l-applikazzjonijiet futuri li hemm bzonn isiru biex ingibu l-fondi minn dan il-fond. Fuq dan kien hemm qbil unanimu.

9.5 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami nforma lill-Kunsilliera kollha illi hu kien inkariga lill-Perit Bugeja biex ihejji l-pjanti, rapport u stima biex tigi *reinstated i*l-Pjazza ta' quddiem il-Knisja l-Qadima. Hu qal li ghal dan il-progett il-Kunsill kien ser japplika ghall-fondi specjali. Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qal li hu kien inkariga lil Dr George Debattista biex jikkomunika mal-Perit fuq dan il-progett.

9.6 Il-Vici Sindku s-Sinjura Doris Borg qalet li hi kienet qieghda tahdem fuq il-korsijiet inkonnessjoni mal-*Life Long Learning*. Hawnhekk hi ghamlet ukoll riferenza ghall-*memo* li hareg id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar il-librerija. Hi staqsiet jekk konniex applikajna ghall-fondi ?. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kien applika ghall-fondi biex jinxtraw kotba ghal-Librerija Regjonali li tinsab fic-Centru Civiku.

BIRKIRKARA

9.7 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghamel riferenza ghar-rimunarazzjoni li ser jibdew jircievu l-Kunsilliera nkonnessjoni ma' l-ispejjez li jkollhom. Hu qal li l-hlas ta' €1200 fis-sena ser isir f'darbtejn, € 600 f'Gunju u € 600 Dicembru. Is-Sindku nforma lill-membri prezenti illi min jiddeciedi mill-Kunsilliera li ma jridx din ir-rimunerazzjoni ghandu jinforma lill-Kunsill bil-kitba.

9.7 Is-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami qassam kopja ta' l-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap 363) – Verzjoni Konsolidata bl-Emendi li saru bl-Att XVI tal-2009, lil kull Kunsillier. Is-Sindku qal li kopja ta' l-istess ligi nghatat ukoll lis-Segretarju Ezekuttiv u lil kull impjegat tal-Kunsill.

9.8 Il-Vci Sindku s-Sinjura Doris Borg infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi l-Kullegg Santa Tereza kien applika ghall-progett '*Comenius Reggio*' u ghal dan il-ghan il-kullegg kien jehtieg li jkollu zewg *partners* li ridu jkunu l-Kunsill Lokali u l-Knisja. Il-Vici Sindku qalet li dan il-progett kien ser ikun marbut ma' *Social Welfare*

**10 Eghluq**

Ghall-habta tas-7.20pm bil-permess tal-membri prezenti s-Sindku s-Sur Michael Fenech Adami ghalaq il-laqgha. Kien hemm qbil unanimu li l-laqgha li jmiss issir nhar it-Tnejn 8 ta' Frar 2010 fis-6.00pm. F'din il-laqgha ser jigu diskussi il-*Financial Statement* ghal perjodu mill-1 ta' Apri 2009 sal-31 ta' Dicembru 2009.

Joseph Tabone
Segretarju Ezekuttiv

Michael Fenech Adami
Sindku